MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 223/2012

**Cassar Fuels Ltd. (C28453)**

***kontra***

**Sundelivery International Trading Limited**
**(kumpannija estera registrata gewwa Spanja)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-1 ta` Marzu 2012, u kkonfermat bil-gurament minn Mark Cassar, li jaqra hekk –

*1. Jiena ghandi r-rapprezentanza guridika tas-socjeta` rikorrenti.*

*2. Illi fis-sbatax (17) ta` Jannar 2011 is-socjeta` rikorrenti bieghet u debitament ikkonsenjat lill-vapur 'm/v AFRICA, fuq ordni tas-socjeta` intimata, kwantita` ta` fuel oil ghall-prezz ta` tletin elf euro €30,000 (kopja tal-Invoice u tal-konferma tal-accettazzjoni tal-konsenja mill-Bastiment hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'A' u Dok. 'B' rispettivament).*

*3. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma totali ta` tletin elf euro (€30,000.00) skond l-imsemmija fattura (Dok. 'C').*

*4. Illi s-socjeta` intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-imsemmi ammont, u nonostante diversi promessi ta` pagament baqghet inadempjenti.*

*5. Illi l-ammont dovut favur is-socjeta` rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess socjeta` rikorrenti jikkonkorru l-elementi kollha taht l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta), peress li fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti s-socjeta` intimata m`ghandha l-ebda eccezzjoni valida skond il-ligi xi tressaq kontra t-talbiet rikorrenti.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid is-socjeta` intimata, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*2. Tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` tletin elf euro (€30,000.00) u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` tletin elf euro (€30,000.00), u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kontra l-istess socjeta` intimata, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-kumpannija konvenuta skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Rat li meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-lum il-Hamis 10 ta` Mejju 2012 fid-9.00 a.m., il-kumpannija konvenuta ma dehritx.

Rat illi f'din l-istess udjenza d-difensur tal-kumpannija attrici ddikjara illi mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat sal-lum il-kreditu pretiz baqa' ma thallasx.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw ippruvati, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tilqa` l-ewwel talba u ghalhekk qeghda tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh.**

**2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-kumpannija konvenuta ghandha taghti lill-kumpannija attrici s-somma ta` tletin elf euro (€30,000.00) u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.**

**3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici l-ammont minnha dovut ta` tletin elf euro (€30,000.00), bl-imghaxijiet kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------